MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-25 ta' Lulju, 2011

Numru 240/2004

Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)

vs

Wayne Delia
Clayton Busuttil

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ numru 574785M u 260086M rispettivament, akkuzati talli f’M’Skala fl-20 ta’ Frar 2004 ghal habta tas-9:30p.m., minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta’ Johan Attard minn Bormla f’perikolu car:

1. hebbew ghall-istess Attard u kkagunawlu griehi ta’ natura gravi skond ma ccertifikat Dr Moira Grech M.D. c/o Casuality Dept. SLH. Bi ksur tal-Art 214 u 216(1)(a)(ii) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

2. fl-istess cirkostanzi volontarjament kisru l-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied bi ksur tal-Art. 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Clayton Busuttil wahdu:

3. bl-istess cirkustanzi kiser il-kundizzjonijiet ta' Sec. 7 Kap 446 imposti mill-Qorti tal-Magistrati fit-12 ta' Novembru 2003, liema sentenza giet finalment deciza u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti mitluba li tapplika l-Art 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' Johan Attard u tal-familja tieghu.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tal-4 ta' Lulju 2011.

Ikkonsidrat:

L-imputazzjonijiet jittrattaw il-griehi ta' natura gravi u l-ksur tal-bon ordni u l-paci pubblika. Dawn huma komuni ghaz-zewg imputati billi kontra l-imputat Clayton Busuttil hemm imputazzjoni addizjonali li kiser il-kundizjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 b'sentenza ta' din il-Qorti differentement preseduta tat-12 ta' Novembru 2003.

Il-fatti li taw lok ghall-kawza jirrisalu ghas-sena 2004 meta minhabba f'glieda spicca sofra feriti klasifikabbli bhala gravi certu Johan Attard. Dwar il-feriti m'hemmx dubbju li huma gravi minn natura taghhom stess. Hemm fil-fatt esebit fil-process sett ta' ritratti li juru elokwentement l-estensjoni tal-griehi li sofra dan Johann Attard. Dawn il-griehi però fin-nuqqas ta' provi li huma kompatibbli ma' dawk milquta bl-Artikolu 218 tal-Kap 9 huma ghalhekk fin-natura taghhom ta' fost dawk il-griehi milquta bl-Artikolu 216 tac-citat Kap senjatament is-subincis (c) tieghu.

Dwar kif sehh l-incident, din il-Qorti hi sodisfatta li l-eventi li taw lok ghalih u ghal feriment ta’ Attard huma kif deskritti minnu u x-xhieda l-ohra prodotta mill-prosekuzzjoni. Jinghad f’dan il-kuntest illi l-inkonsistenzi identifikabbli meta ezaminati l-istqarrijiet rilaxxjati mill-imputati ma’ dak li xehed “viva voce” wiehed u l-uniku ko-imputat huma tali li jaghmlu l-versjoni tieghu inverosimili.

Mill-bqija l-akkuza kontravenzjonali tirrizulta kif tirrizulta wkoll l-imputazzjoni dedotta kontra l-ko-imputat Clayton Busuttil wahdu.

Fuq il-fatt ghalhekk illi l-Qorti qeghdha ssib htija fl-imputati tar-reati migjuba kontra taghhom, tiddikjarahom hatja u wara li rat l-Artikolu 216(1)(b) u (c), l-Artikolu 338(dd) u l-Artikolu 17(d) tal-Kap 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap 446 tikkundanna l-imputati Wayne Delia u Clayton Busuttil rispettivament tnax-il xahar u tmintax-il xahar prigunerija li qeghdha in forza tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tissospendi ghall-perjodu ta’ erba’ snin mill-lum.

Il-Qorti fehmet ir-responsabbilita’ tal-imputati skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------